10 ta' Jannar, 1953

Imħallef :—

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Francesco Desira** *versus* **Isidoro Micallef**

**Preskrizzjoni — Interruzzjoni — Rinunzja — Talba tal-Kont — Art. 2254 (a), 2233, 2238 u 2239, tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tista' ssir jew bin-notifika ta' att ġudizzjarju, jew bir-rikonoxximent tad-debitu, jew anki b'xi ħlas akkont.*

*Jekk it-terminu tal-preskrizzjoni jkun għalaq, kwalunkwe rikonoxximent tad-dejn li jsir wara ma jammontax għal interruzzjoni talpreskrizzjoni, imma għal rinunzja tal-preskrizzjoni ġà kompita.*

*Fil-każ preżenti l-Qorti rriteniet illi t-talba tal-kont wara li l-preskrizzjoni ġà kienet kompita, ma kienetx, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, tikkostitwixxi rinunzja għall-preskrizzjoni ġà kompita.*

**Il-Qorti** — **Rat** it-talba ta' l-attur quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' £7. 3. 0, prezz ta' madum lilu fornit, bl-interessi legali minn notifika, b'kollox b'mod li ma jeċċedix il-kompetenza ta' din il-Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi 3s. ta' l-ittra interpellatorja tas-17 ta' Awissu 1952;

**Rat** il-verbal reġistrat minn dik il-Qorti fit-30 ta' Settembru 1952, fejn il-konvenut eċċepixxa preliminarment il-pre-

skrizzjoni skond l-art. 2254(a) tal-Kodiċi Ċivili;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-16 ta' Ottubru 1952, li biha laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, u konsegwentement ċaħdet it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu, barra minn dawk tar-rikors preżentat mill-konvenut fit-13 ta' Ottubru 1952, li ordnat li jkunu a kariku ta' l-istess konvenut; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-konvenut qabbad lil Rosario Desira, hu l-attur, jagħmillu x-xogħlijiet f'xi *mezzanini*, u dana qabbad lill-attur *jagħmel ix-xogħol ta' ċangar bil-madum*. Ta' dan ix-xogħol l-attur tħallas. Il-konvenut aktar tard qabbad lill-istess Rosario Desira itellagħlu xi kamra fil-bitħa ta' wieħed mill-imsemmija mezzanini, u wara reġa' qabbad lil ħuh, ċjoè lill-attur, biex jiċċanga bil-madum din il-kamra. L-ammont reklamat mill-attur bl-avviż huwa għal dan l-aħħar xogħol ta' ċangar;

Illi l-preskrizzjoni applikabili għall-każ hija dik ta' sentejn kontemplata fiċ-ċitat art. 2254 (a) tal-Kodiċi Ċivili. Ma jirriżultax mix-xhieda meta sar ix-xogħol li tiegħu qiegħed jirreklama l-prezz l-attur; però skond il-kont ta' l-istess attur (dok. D), dan ix-xogħol kien lest fit-8 ta' Novembru 1948. L-attur fix-xhieda tiegħu qal illi xi xahar wara li spiċċa x-xogħol huwa bagħat il-kont lill-konvenut, u martu, quddiem il-konvenut stess, qaltlu biex jissaportihom ftit sakemm jitħallsu mill-War Damage Commission; u qal illi xi sena wara li kien għamel ix-xogħol, mart il-konvenut kienet marret u talbitu l-kont biex tagħtih lill-perit ħalli jinkludih ma' l-ispejjeż għall-War Damage Commission. Ma jistax ikun li mart il-konvenut marret titlob il-kont lill-attur xi sena wara t-8 ta' Novembru 1948........... Għalhekk jiġi li dan il-kont ġie mitlub lill-attur għal ħabta ta' l-aħħar tas-sena 1950;

Stabbilit li l-kreditu ta' l-attur jirrimonta għat-8 ta' Novembru 1948, u anki jekk wieħed jammetti dak li xehed huwa (għalkemm ġie negat minn mart il-konvenut), illi wara xi xahar li kien lest ix-xogħol huwa bagħat il-kont lill-konvenut u mart dan talbitu jissaportihom sakemm jitħallsu mill-War Damage Commission, huwa ċert illi minn xahar wara

t-8 ta' Novembru 1948 sal-preżentata ta' l-avviż, ċjoè 2 ta' Settembru 1952, għadda ħafna iżjed minn sentejn, li huwa t-terminu rikjest għad-dekorriment tal-preskrizzjoni applikabili. Il-fatt li mart il-konvenut marret titlob il-kont lill-attur ma jservix biex jinterrompi d-dekors ta' din il-preskrizzjoni, għaliex dan il-fatt ma jammontax għal rikonoxximent tal-kreditu ta' l-attur, peress illi l-konvenut u martu riedu dan il-kont mhux biex jaraw x'kellhom jagħtu lill-attur, għax huma jippretendu li tax-xogħol reklamat mill-attur kienu ġa ħallsu lil ħuh Rosario Desira, imma biex jagħtuh lill-perit ħalli jinkludih mal-kontijiet l-oħra għall-ħlas mill-War Damage Commission, kif qalet lill-istess attur;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u ċ-ċitazzjoni tiegħu li biha talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija, u li jiġu akkolti d-domandi kontenuti fl-avviż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kreditu reklamat jirrimonta għat-8 ta' Novembru 1948 (ara fol. 14). Il-preskrizzjoni bijennali kontemplata fl-art. 2254 (a) Kap. 23 Edizzjoni Riveduta tiddekorri, skond il-liġi (art. 2242), minn dak inhar li l-azzjoni relativa setgħet tiġi eżerċitata; u għalhekk, peress li l-istess attur xehed li huwa bagħat il-kont xi xahar wara li spiċċa x-xogħol, u peress li hu seta' jazzjona lill-konvenut malli spiċċa x-xogħol, għandu jingħad li l-preskrizzjoni bdiet tgħaddi xahar qabel id-data tal-kont, ċjoè qabel it-8 ta' Novembru 1948;

L-avviż ġie notifikat lill-konvenut fl-4 ta' Settembru 1952, meta t-terminu preskrizzjonali kien għadda;

Issa hemm bżonn li wieħed jara jekk kienx hemm xi interruzzjoni tal-preskrizzjoni, li tista' tkun jew bin-notifika ta' att ġudizzjarju, skond l-art. 2233 Kap. 23, jew bir-rikonoxximent tad-debitu, skond l-art. 2238, jew anki b'xi ħlas akkont (art. 2239). L-attur ma jippretendix li kien hemm xi att ġudizzjarju. Jibqa' l-każ tar-rikonoxximent; għax l-istess lanqas jippretendi li kien hemm ħlas akkont;

L-attur igħid li mart il-konvenut marret titolbu l-kont biex tagħtih lill-perit ħalli jinkludih fil-kont tal-War Damage xi sena wara li kien għamel ix-xogħol, ċjoè waqt id-

dekors tat-terminu tal-preskrizzjoni. Anki kieku wieħed kellu jipprexxindi mill-pont jekk it-talba ta' mart il-konvenut kienetx tammonta għar-rikonoxximent, dejjem jibqa' li t-terminu reġa' beda jiddekorri minn dak inhar (Ottubru jew Novembru ta' l-1949) ; u kien reġa' għalaq meta ġie notifikat l-avviż fl-4 ta' Settembru 1952;

Jekk imbagħad, fuq ix-xhieda ta' Rosario Desira, ħu l-attur, jingħad li mart il-konvenut talbet il-kont lill-attur xi sitt xhur wara l-kuntratt fol. 8, u kwindi għal ħabta ta' l-aħħar tas-sena 1950, din it-talba lanqas hi ta' siwi lill-attur, għaliex :—

1. Il-kont intalab ħalli jiġi inkluż mal-kontijiet l-oħra tal-"claim" quddiem il-War Damage Commission, sabiex jiġi rifuż l-ammont tiegħu, u mhux biex il-konvenut u martu jaraw x'kellhom jagħtu lill-attur; għax huma kienu jsostnu li ħallsu lil Rosario Desira;

2. It-terminu tal-preskrizzjoni kien allura ġa għalaq, u kwindi dan il-fatt ma kien qatt jammonta għal interruzzjoni tal-preskrizzjoni, imma talvolta għal rinunzja għaliha. Issa, ir-rinunzja għall-preskrizzjoni hija aljenazzjoni favur il-kreditur ta' dritt akkwistat mid-debitur (ara "Gargani vs. Sant", Appell 14 ta' Novembru 1873), u s-semplici talba tal-kont, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, żgur li ma tikkostitwix ebda aljenazzjoni; tant aktar meta wieħed jirrifletti illi l-inkariku ta' mart il-konvenut (ċjoè tad-debitur) kien sempliċement ta' qadja, u mhux inkariku biex, se maj, hija tirrinunzja f'ismu għall-preskrizzjoni;

Ma hux il-każ li jiġi impost il-ġurament, għax fil-fatt il-konvenut ġa xehed li hu ħallas ta' kollox lil hu l-attur;

Għalhekk tiddeċidi billi, għar-raġunijiet fuq miġjuba, u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti, tirrespinġi l-appell ta' l-attur u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra tiegħu.